**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A34-14

30 ta’ Settembru 2014

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/34**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tlieta 07 t’ Ottubru 2014 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ Skeda ta’ Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Quarterly Reports* Jannar – Ġunju 2014
6. Affarijiet Oħra
7. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

21 t’ Ottubru 2014

Seduta Nru: 34 - KUNSILL LOKALI GŻIRA

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 7 t’ Ottubru 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

Is-Sinjuri:

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Charles Micallef St. John u J.M Muscat flimkien ma’ l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendiet għall-parti mill-laqgħa l-*Accountant* tal-Kunsill Johanna Caruana.

**Skużati:**

Il-Kunsillier Joe Camilleri minħabba luttu familjari, Vincenza Attard minħabba li kienet ma tiflaħx u Victor Rutter minħabba mpenn ta’ xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-30 ta’ Settembru 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Numru 33 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Galea

Minħabba li kienet waslet l-*Accountant* Johanna Caruana, ċ-*Chairman* talab biex tiġi sospiża l-laqgħa biex tiġi diskussa *item* Nru: 5 ta' l-Agenda.

Il-Kunsill laqgħa din it-talba.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Quarterly Reports Jannar – Ġunju 2014***

**5.1** L-*Accountant* tat rendikont dettaljat dwar is-suġġett sopracitat (ara appendix Nru: 1)

Wara diskussjoni qasira li matula ġew diskussi u saru xi kjarifiki mill-membri tal-Kunsill, il-*Quaterly Reports* Jannar – Ġunju 2014 ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat. Ġie deċiż li għandha ssir laqgħa oħra ma' l-*Accountant* u ċ-*Chairman.*

**2. Materji Konnessi**

**2.1** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John xtaq ikun jaf jekk kienx lest ir-rapport finanzjarju tal-*Christmas Village*. Huwa ġie nfurmat li r-rapport kien għadu ma ġiex iffinalizzat.

Iċ-*Chairman* rrimarka li din is-sena aktar minn snin oħra, l-Kunsill għandu joqgħod attentent fuq ċertu nfieq. Għaldaqstant, kien qed jissuġġerixxi li din is-sena l-attivita' ma ssirx iżda jibqa' jsir il-kunċert ta' kull sena.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment.

**2.2** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John nforma li kienu avviċinawh xi residenti dwar il-problema ta' l-ilma tax-xita li teżisti fi Triq Carlo Manche' k/ma' Triq Ponsonby ħdejn il-*London Butcher*. Huwa kompla jgħid li wara l-aħħar maltempata li għamlet l-ilma tax-xita daħal saħansitra fid-djar tar-residenti.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir laqgħa bejn il-Kunsill, il-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur li kien responsabbli minn Triq Ponsonby taħt il-P.P.P. sabiex tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

**3. Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-7 t' Ottubru 2014 kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom:

**3.1** Inqrat ittra mibgħuta mill-Avukat Joseph Gatt dwar talba biex ikunu jistgħu jitwaħħlu *posters* pubbliċitarji 40 x 60 cm biex jiġi reklamizzat l-istabbiliment 'La Gusta Profumi Malta' fi Triq Sir William Reid.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill mhux l-awtorita' kompetenti.

**3.2** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kevin Mifsud dwar suġġeriment sabiex jinbidel l-orjentament ta' Triq Turu Rizzo b'tali mod li din tagħti aċċess dirett għal Triq Nazju Ellul minn Triq Sliema minħabba l-fatt li t-triq li Triq Sliema tkun dejjem blukkata bit-traffiku.

Il-Kunsill ġie nfurmat li dan is-suġġeriment kien diġa' sar pero' ma kienx ġie approvat mit-*Transport Malta*.

**3.3** Il-Kunsill ġie nfurmat b'notifikazzjoni tal-Gvern

**3.4** Rigward *planters* li kienu qed jostakulaw bankini fil-lokalita', il-Perit tal-Kunsill informa li minn sketches li ntbagħtu mill-Kunsill jirriżulta li ebda bankina mit-toroq msemmija m'hi konformi skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-KNPD ħlief Triq Ponsonby u dan minħabba l-fatt li bankini b'wesgħa anqas minn 1.30 mt m'humiex aċċettabbli.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill sabiex il-materja tiġi kjarifikata.

**3.5** Iċ-*Chairman* informa li kienet waslet kwotazzjoni għal *Tac Tile Ramps* għall-ammont ta' €447.60 'l waħda mill-kuntrattur tal-Kunsill *J&K Contractors Ltd* li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa ta' l-1 ta' Settembru 2014

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li l-ewwel isiru erba' rampi li l-aktar għandhom bżonn ta' manutenzjoni u l-ħlas tagħhom jsir mill-fondi li ngħataw mir-Reġjun Ċentrali liema ammont kien ta' €16,000.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**3.6** Il-Viċi-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, l-*bus shelter l*i hemm fi Triq Msida fil-viċinanzi ta' l-*Empire Stadium* għandu jiċaqlaq minn fejn hu biex ikun aktar aċċessibbli għall-Pubbliku u Persuni bi bżonnijiet speċjali.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li għandu jsir kuntatt mad-ditta *FACES.*

**3.7** Il-Kunsill approva unanimament id-*draft copy t*a' l-ittra li trid tintbagħat lil-istabbilimenti ndustrijali, ta' l-ikel u *hospitality* fil-lokalita' li l-kollettur tal-Kunsill ser ikun responsabbli biss tal-ġbir ta' l-iskart domestiku u b'hekk dawn it-tali stabbilimenti jeħtieġ li jagħmlu arranġamenti privati għall-ġbir ta' l-iskart tagħhom.

**3.8** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet**

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-ħlasijiet Klg6/33 minn numru 1436 sa 1459 (*appendix* nru:2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopraċitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St John.

**6. Affarijiet Oħra**

**6.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat li għanda tinħareġ il-kwotazzjoni biex jintrama dawl għall-festi tal-Milied fil-lokalita'.

**6.2** Iċ-*Chairman* nforma li kien ser ikollu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Hon Justyne Caruana dwar il-ftuħ uffiċjali ta' l-*Active Ageing Centre*.

**6.3** Il-Kunsill ġie nfurmat li *Transport Malta* kienet issottomettiet talba mal-*MEPA* sabiex l-ispazju ta' fuq il-ġbjun fi Triq Guze Miceli jiġi żviluppat f'*parking area* għall-benefiċċju tar-residenti taż-żona. Dan il-proġett kien diġa' ġie kontemplat mill-Kunsill Lokali iżda l-proposta kienet ġiet rifjutata mill-*MEPA*.

**6.4** Il-Kunsillier J.M. Muscat qal li fil-jiem li għaddew sid ta' stabbiliment ta' l-ikel ħareġ sitt imwejjed bis-siġġijiet taħt il-bankina fi Triq ix-Xatt b'konsegwenza tal-fatt li okkupa sitt *parking bays.*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li l-Pulizija għandha tkun infurmata b'din il-materja.

**6.5** Il-Viċi-Sindku nforma li kienet saret *site inspection* flimkien mal-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* dwar manutenzjoni tal-*playing fields.* Huwa kompla jgħid, li minn informazzjoni li kellu n-nefqa għall-manutenzjoni x'aktarx tammonta għal madwar €24,000.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir dak kollu meħtieġ biex jiġi evitat kull periklu u li għandu jsir kuntatt ma' l-Onor Leo Brincat biex tintalab għajnuna jew finanzjarja jew ħaddiema li jagħmlu dawn ix-xogħlijiet.

**6.6** Iċ-*Chairman* informa li l-impjegata mill-Enemalta ssekondata mal-Kunsill Lokali kienet ser tibda fit-8 t'Ottubru 2014.

## 7. Laqgħa Oħra

**7.1** Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-6.45 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 21 t' Ottubru 2014 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano<br>Sindku | Hugh Zammit<br>A/Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali: Il-Gzira | Skeda Nru: KLG6/33

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/33 - 07.10.2014 | Data: 16.09.2014 - 07.10.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Audio Visual Centre Ltd | € 167.83 | € 167.83 | D | Books for Public Library | 18.09.2014 | 368789 | 1436 | | | 9148 |
| 2 | BDL Ltd | € 55.49 | € 55.49 | D | Books for Public Library | 15.09.2014 | 237270 | 1437 | | | 9149 |
| 3 | MITA | € 416.85 | € 416.85 | D | Maint & Support Connectivity Jul - Sept 2014 | 15.09.2014 | SIN 030495 | 1438 | | | 9150 |
| 4 | ARMS LTD | € 534.57 | € 534.57 | D | Adm Office - 13 June - 01 Aug 2014 | 12.09.2014 | 19109716 | 1439 | | | 9152 |
| 5 | ARMS LTD | € 298.39 | € 298.32 | D | Savoy Gardens 07 June - 07 Aug 2014 | 12.09.2014 | 19103349 | 1440 | | | 9151 |
| 6 | Image Systems Ltd | € 112.32 | € 112.32 | Q | Rentals & Copies 31.7.14 - 31.8.2014 | 31.08.2014 | Rent/093408 | 1441 | | | 9153 |
| 7 | Image Systems Ltd | € 195.34 | € 195.34 | Q | Rentals & Copies 31.7.14 - 31.8.2014 | 31.08.2014 | Rent /093409 | 1441 | | | 9153 |
| 8 | Melita plc | € 195.08 | € 195.08 | D | Internet 08.09 -07.10 Usage 08.08 - 05.09 2014 | 05.09.2014 | 100279612 | 1442 | | | 9139 |
| 9 | Gino | € 265.50 | € 265.50 | D | Hire of Chairs Attivita' 29.08.2014 | 29.08.2014 | 432 | 1443 | | | 9154 |
| 10 | WasteServe Malta Ltd | € 5,007.93 | € 3,470.42 | D | MSW Waste - August 2014 | 01/15/09 | 51923/52235 | 1444 | | | 9155 |
| 11 | Ms Nathalie Camilleri | € 262.32 | € 262.32 | Q | Librarian Services September 2014 | 30.09.2014 | 014 | 1445 | | | 9146 |
| 12 | GO plc | € 31.85 | € 31.85 | D | 21341034-21334254 - Calls Aug Rent Sept | 15.09.2014 | 39894143 | 1446 | | | 9120 |
| 13 | GO plc | € 20.51 | € 20.51 | D | 21341616 - Calls Aug Rent Sept 2014 | 15.09.2014 | 39894147 | 1447 | | | 9119 |
| 14 | GO plc | € 42.58 | € 42.58 | D | 21322157 - Calls Aug Rent Sept 2014 | 15.09.2014 | 39894591 | 1448 | | | 9118 |
| 15 | D'Aniens Dev Ltd | € 10,639.75 | € 10,639.75 | T | Annual Rent Ag.Ac Ctre 01.11.14-31.10.15 | 07.10.2014 | K126/14 | 1449 | | | 9140 |
| 16 | Police Dept. | € 333.37 | € 333.37 | D | Services Attivita' 29.08.2014 | 01.09.2014 | 58130 | 1450 | | | 9156 |
| 17 | M.A.& A. Services Ltd | € 72.00 | € 72.00 | D | Filters for Air Purifier Adm Office | 31.08.2014 | 6196 | 1451 | | | 9157 |
| 18 | Mifsud Squire Bkshop | € 83.43 | € 83.43 | D | Newspapers for the month of September 2014 | 30.09.2014 | 382 | 1452 | | | 9158 |
| 19 | Alfa Co. Ltd | € 35.00 | € 35.00 | D | Rentals photocopier P. Library | 31.08.2014 | 11712 | 1453 | | | 9159 |
| 20 | E.L.C. Ltd | € 2,214.29 | € 2,214.29 | T | Maint of Soft Areas - September 2014 | 30.09.2014 | 011092 | 1454 | | | 9160 |
| | Sub Total c/f | € 20,984.40 | € 19,446.82 | | | | | | | | |
| | Total | € 20,984.40 | € 19,446.82 | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/33 07.10.2014 **Data:** 16.09.2014 - 07.10.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | J.F. Mallia Ltd | € 251.03 | € 251.03 | | D | Maint Job Nos: 345-347-348-349 | 02.10.2014 | 1158 | 1455 | | | 9165 |
| 22 | TACC Trading Co. Ltd | € 28.00 | € 28.00 | | D | Fixtures & Fittings Adm Off. Savoy - St. Albert | 01.10.2014 | 1921 | 1456 | | | 9161 |
| 23 | EcoPure Ltd | € 12.74 | € 12.74 | | D | Consumables Adm Office | 09.09.2014 | 583782 | 1457 | | | 9164 |
| 24 | EcoPure Ltd | € 8.50 | € 8.50 | | D | Consumables Adm Office | 23.09.2014 | 585084 | 1457 | | | 9164 |
| 25 | EcoPure Ltd | € 8.50 | € 8.50 | | D | Consumables Adm Office | 02.10.2014 | 586267 | 1457 | | | 9164 |
| 26 | MaltaPost plc | € 52.00 | € 52.00 | | D | Postage Stamps Adm Office | Oct 2014 | gzr06580678 | 1458 | | | 9162 |
| 27 | Mount Carmel Band Club | € 2,000.00 | € 2,000.00 | | Q | Attivita' 29.08.2014 | 29.09.2014 | | 1459 | | | 9163 |
| 28 | Gzira Local Council | | | | | Honoraria & Wages | | | | | | |
| 29 | | | | | | | | | | | | |
| 30 | | | | | | | | | | | | |
| 31 | | | | | | | | | | | | |
| 32 | | | | | | | | | | | | |
| 33 | | | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | € 2,360.77 | € 2,360.77 |
| Sub Total b/f | € 20,984.40 | € 19,446.82 |
| Total | € 23,345.17 | € 21,807.59 |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier